PORZJONI RISERVATA

RINUNZJA WIRT

LEGITTIMU KUNTRADITTUR

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2019

**Kawza Numru : 28**

**Rikors Guramentat Numru : 923/2016/LSO**

**1) Carmelo Magri (K.I. 487859M)**

**2) Angelo Magri (K.I.164563M)**

**vs**

**1) Peter Magri (K.I. 0548857M)**

**2) Mario Magri (K.I. 0452282M)**

**3) Anton Magri (K.I. 0031288M)**

**4) Miriam Sciberras (K.I.745960M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors mahluf guramentat ta' Carmelo Magri (K.I.487859M) u Angelo Magri (K.I. 164563M) datat 14 ta' Ottubru 2016 fejn Carmelo Magri bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-partijiet kollha huma l-eredi *tad-decujus* Maria Magri li mietet nhar is-16 ta' Frar 2016 u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt (Dok A);

Illi permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) (kopja annessa u mmarkata Dok B) id-decujus Maria Magri kienet iddonat lill-intimati Mario u Anton Magri u Miriam Sciberras kwart (1/4) indiviz mir-raba' formanti parti mill-ghalqa 'Tal-Hniena', kull wiehed;

Illi inoltre permezz tal-istess kuntratt ta' donazzjoni, id-decujus Maria Magri iddonat lill-intimati Mario u Anton Magri, nofs (1/2) tas-sehem indiviz jew kwalunkwe sehem iehor verjuri mir-razzett maghruf bhala 'Magri Farmhouse', gia formanti parti mill-ghalqa msejha 'Tal-Hniena', fil-kontrada

tal-Hniena, limiti tal-Qrendi u kif ukoll is-sehem indiviz ta' wiehed minn tnax (1/12) mill-passagg komuni formanti parti mill-ghalqa imsejha "Tal-Hniena" fil-kontrada tal-Hniena limiti tal-Qrendi;

Illi *di piu'* bl-istess kuntratt ta' donazzjoni, id-decujus Maria Magri iddonat lill-intimata Miriam Sciberras kwart (1/4) sehem indiviz mill-passagg komuni formanti parti mill-ghalqa msejha "Tal-Hniena", fil-kontrada tal-Hniena;

Illi permezz tat-testment taghha tat-2 ta' Lulju 2014 (Dok C), id-decujus Maria Magri halliet numru ta' prelegati lill-intimati;

Illi l-esponenti irrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom kif maghmul bit-testment (*vide* digrieti annessi u mmarkati Dok D u Dok E rispettivament) u qed jagixxu ghall-porzjoni riservata taghhom u ghalhekk sejrin jitolbu r-riduzzjoni tad-donazzjonijiet u tal-prelegati surreferiti *ai termini* tal-Art 647-653 tal-Kodici Civili (Kap. 16) sabiex din ir-riduzzjoni jkollha l-effett li l-prelegati surreferiti u d-donazzjonijiet surreferiti u kwalsiasi donazzjoni ohra lill-intimati li d-decujus setghet ghamlet f'hajjitha jergghu jidhlu fl-eredita' tad-decujus Maria Magri;

Illi l-esponenti ghalhekk qeghdin jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex previa illi hija taccerta l-konsistenza tal-eredita' ta' Maria Magri okkorrendo permezz ta' Periti Nominandi, tillikwida s-sehem tal-porzjoni riservata dovuta lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja:

1. Taccerta l-konsistenza tal-eredita' ta' Maria Magri;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-testatrici Maria Magri, permezz tal-prelegati u d-donazzjonijiet surreferiti u permezz ta' kwalsiasi donazzjoni ohra li tista' tirrizulta, eccediet il-parti disponibbli tal-eredita' taghha;

3. Tirriduci b'mod proporzjonat tali prelegati u donazzjonijiet fil-limiti tal-parti disponibbli fit-termini tal-art 647 - 653 tal-Kodici Civili;

4. Tillikwida u tikkwantifika s-sehem fl-eredita' il-porzjoni riservata tal-esponenti Carmelo Magri u Angelo Magri mill-eredita' ta' Maria Magri;

5. Tikkundanna lill-intimati bhala eredi ta' Maria Magri jhallsu l-ammont hekk likwidat rapprezentanti l-porzjoni riservata dovuta lilhom;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tal-mewt tad-decujus Maria Magri, ossija mid-data tas-16 ta' Frar 2016, kontra l-intimati minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata ta' Miriam Sciberras (K.I. nru. 745960(M)) datata 8 ta' Novembru 2016 (fol 32) fejn bil-gurament taghha Miriam Sciberras (K.I. nru. 745960(M)) ddikjarat u kkonfermat s-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, jinghad illi r-rinunzja tar-rikorrenti ma tiswiex, u dan *stante* l-fatt illi kif se jigi muri waqt is-smigh ta' dan ir-rikors guramentat, ir-rikorrenti accettaw il-wirt b'mod tacitu billi ghamlu atti li bilfors ifissru li huma riedu jaccettaw il-wirt, u dan kif jghid l-artikolu 850 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma tqisx illi sehhet accettazzjoni tacita kif inghad fl-ewwel eccezzjoni, se jirrizulta illi f'kull kaz, il-valur ta' dak mehud u mizmum mir-rikorrenti mill-assi tal-mejta Maria Magri jeccedi sostanzjalment il-valur tas-sehem riservat illi din l-Onorabbli Qorti tista' tqis illi jmisshom. F'kull kaz, dejjem jehtieg illi jigu rispettati d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 615, 620 (2), 620 (4) u 620 (5) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fit-tielet lok, f'kull kaz, l-esponenti intimata la ghandha tbati l-ispejjez tal-kawza u lanqas l-imghax mitlub; dan *stante* l-fatt illi qabel ressqu dan ir-rikors guramentat, ir-rikorrenti qatt ma indenjaw ruhhom jibaghtu u/jew jinnotifikaw lill-esponenti intimata b'xi forma ta' interpellazzjoni ghall-hlas tal-porzjon riservat issa pretiz;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u b'riserva li l-esponenti jressqu kull eccezzjoni ulterjuri illi jistghu jkunu awtorizzati jressqu skont il-ligi, u minghajr pregudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tal-partijiet jew min minnhom.

Rat ir-risposta guramentata ta' Peter Magri (K.I. 548857(M), Mario Magri (K.I. 452282(M) u Anton Magri (K.I. 0031288(M) datata 8 ta' Novembru 2016 (fol 36) fejn bil-gurament ikkonfermaw:

1. Illi preliminarjament l-atturi ghalkemm irrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom, din ir-rinunzja ma hijiex valida u dana peress illi huma kienu accettaw l-eredita` taghha diga` meta qasmu u hadu assi partikolari li ddevolvew minn dan il-wirt, u ghamlu atti ta' eredi u ghalhekk isegwi li kien hemm l-accettazzjoni tacita kif provdut fl-Artikolu 850 tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li sakemm ma tigix sorvolata din l-ewwel eccezzjoni l-ebda mit-talbiet tal-atturi ma jistghu jigu decizi fil-mertu;

3. Illi preliminarjament ukoll: Mario Magri u Anton Magri ma humiex il-legittimi kontraditturi ta' din il-kawza *stante* li mhux minnu li huma eredi tad-defunta Maria Magri li mietet nhar is-16 ta' Frar 2016;

4. Illi in oltre, kontestwalment mal-prezentata ta' din il-kawza Peter Magri qieghed ukoll jirrinunzja ghall-eredita` ta'

ommu, kopja tan-nota ta' rinunzja hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument PM1';

5. Illi ghalhekk lanqas Peter Magri ma huwa l-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Illi ghalhekk fil-mertu l-esponenti jecepixxu s-segwenti eccezzjonijiet:

a. Illi *in vista* tal-preliminari, *stante* li l-ebda wiehed mill-esponenti ma huwa eredi ta' Maria Magri - tichad it-talbiet kollha fil-konfront taghhom bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

b. Illi peress illi l-atturi huma wkoll eredi tad-defunta Maria Magri peress li wettqu atti ta' eredi, tichad it-talbiet kollha fil-konfront tal-esponenti *stante* li ma humiex intitolati ghall-legittima kif qieghdin jippretendu;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu li Maria Magri eccediet il-parti disponibbli tal-eredita` taghha u dana kif ser jigi ppruvat fil-kawza;

8. Illi l-atturi, ghalkemm irrinunzjaw diga` hadu hafna minn dak li setgha jifforma parti mill-eredita` ta' Maria Magri bil-forza u t-theddid, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

9. Salv eccezzjonijiet ohra permessibli skont il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tat-Tlieta, 15 ta' Jannar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Carlos Bugeja ghall-konvenut. Dehret Dr Maxilene Ellul ghal uhud mill-konvenuti. Dr Kris Busietta msejjah tliet darbiet ma deherx. Id-difensuri prezenti nfurmaw lill-Qorti li l-provi ngabru biss fuq it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) eccezzjoni tal-patrocinati ta' Dr Maxilene Ellul, hekk kif ivverbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2018. Ghaldaqstant, il-Qorti kkonfermat d-digriet taghha tat-23 ta' Mejju 2017, fis-sens li n-noti u s-sentenza *in parte* ghandha tinghata fuq dawn it-tliet eccezzjonijiet u mhux fuq l-ewwel eccezzjoni tal-istess partijiet u tal-patrocinati ta' Dr Carlos Bugeja. Il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tan-nota ta' Peter, Mario u Anton Magri, u dan fi zmien gimgha mil-lum, u l-intimati l-ohra jkollhom ghoxrin (20) jum ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghal sentenza in parte *in difetto ostacolo* ghat-28 ta' Marzu 2019 fid-9:30a.m. Aktar tard deher Dr John Gauci ghall-atturi li ha konjizzjoni ta’ dan il-verbal.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Peter Magri, Anton Magri u Mario Magri datata 22 ta’ Jannar a fol 270 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Carmelo Magri u Angelo Magri konvenuti datata 11 ta’ Frar 2019 a fol 277 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkonsidrat li permezz tal-kawza odjerna, l-atturi qed ifittxu l-hlas tal-porzjoni rizervata lilhom spettanti mill-wirt ta' Maria Magri, li mietet fis-16 ta' Frar 2016 kif ukoll ir-riduzzjoni tal-prelegati u donazzjonijiet maghmula mid-*decuius* favur l-intimati fejn setghet eccediet il-porzjoni rizervata skont il-ligi.

Illi din hija sentenza *in parte* fuq it-tielet, ir-raba', u l-hames eccezzjonijiet sollevati mill-intimati, fejn jikkontendu li Mario Magri u Anton Magri mhumiex il-legittimi kontradittturi, *stante* li mhuwiex minnu li huma l-eredi tad-defunta Maria Magri. Inoltre`, *stante* li Peter Magri irrinunzja ghall-eredita` ta' ommu, lanqas Peter Magri ma huwa l-legittimu kontradittur.

### Rizultanzi fattwali:

Jirrizulta li d-decujus Maria Magri mietet fis-16 ta' Frar 2016, kif jidher mill-att tal-mewt esebit Dok A. Permezz ta' testment taghha datat 2 ta' Lulju 2014, Dok C, hija halliet numru ta' prelegati lill-intimati. Jirrizulta wkoll, li permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 26 ta' Gunju 2014, Dok B, hija iddisponiet b'diversi donazzjonijiet favur Mario Magri, Anton Magri u Miriam Sciberras. Sussegwentement ghall-mewt ta' Maria Magri, ir-rikorrenti irrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom, kif jidher mid-digrieti esebiti, Dok D u Dok E mar-rikors promotur.

Jirrizulta, inoltre, li permezz tat-testment taghha a fol 13 *et sequens,* it-testatrici istitwiet b'eredi universali ta' gidha kollha lil erba' uliedha, Miriam Sciberras, Peter Magri, Angelo Magri u Carmelo Magri. Billi Carmelo u Angelo Magri irrinunzjaw ghall-wirt, u hekk ghamel fil-mori Peter Magri, l-unika werrieta hija l-intimata Miriam Sciberras.

**<u>Provi:</u>**

**Maria Anna sive Miriam Sciberras** xehdet permezz ta' affidavit (fol 85-87) u qalet, li sa minn meta kellha erbatax-il sena hija tat sehem kbir ghall-genituri taghha, taghmel xoghol tad-dar u tghin fil-hanut ta' missierha. Fl-ahhar snin qabel ma mietet, ommha kienet tabita maghha. Qalet li hutha Carmel u Anglu kienu hadu bosta affarijiet fosthom kamra ghan-negozju u raba'. Qalet, li missierha lil ommha kien hallilha l-uzufrutt ghalhekk, meta ommha kienet talbet il-kera ta' din il-kamra lil Carmel, ma riedx itiha l-ebda kera. Qalet li ommha hallitilha bicca raba', bhal ma kienet halliet lilhom, izda tinsab imcahhda minnha ghax qed jahdmuha uliedhom.

**Mario Magri** xehed permezz ta'affidavit (fol 69) u qal li hu u huh mhumiex eredi tan-nanna Maria Magri, u missieru Peter Magri kien irrinunzja ghall-eredita` tan-nanna. Qal li huma dejjem irrispettaw u hadu hsieb in-nanna meta kienet ghadha hajja, kuntrarjament ghal Angelo u Carmelo li issa qed jitolbu s-sehem riservat.

**In kontro-ezami** (fol 118-121) qal, li misseru Peter Magri ma ha l-ebda oggetti wara l-mewt tan-nanna. Qal li missieru

ghadu jahdem ir-raba' li thalliet lilu bi qbiela. Spjega li hemm il-makkinarju tar-raba' msakkar f'kamra u kien ra lill-kugini, it-tfal ta' Anglu, juzawhom. Mistoqsi qattx ra liz-zijiet jiehdu makkinarju jew flus, qal li le. Qal, li kien ra liz-zijiet Carmelo u Angelo Magri isakkru bil-forza l-kamra fejn kien jinzamm dan il-makkinarju qabel il-mewt tan-nanna fi Frar 2015.

**Peter Magri** xehed permezz ta' affidavit (fol 70) u qal li uliedu Mario u Anton mhumiex eredi ta' ommu Maria Magri li mietet nhar is-16 ta' Frar 2016. Qal li hu kien irrinunzja ghall-eredita` ta' ommu u ghalhekk lanqas u mhuwa eredi. Qal li hutu kienu hadu diversi affarijiet li jappartjenu ghal-ommu bhal ghamara, flus u ingenji, li jahdmu r-raba' bihom.

**In kontro-ezami** qal, (fol 122-124)[1] li jikkonferma dak li xehed Mario Magri. Qal li hu minghand ommu ma ha xejn, u ma jafx x'kellha ommu. Qal li hutu ghandu tlieta u ma jafx jindika min minnhom ha l-affarijiet ta' ommu.

**Carmelo Magri** xehed permezz ta' affidavit (fol 71-80) u qal li l-inkwiet beda, meta rcieva ittra minghand Woods Advocate fis-27 ta' April 2016, sabiex ihallas l-ammont ta' €7,740.85. Qal li jahseb li t-testment tas-7 ta' Lulju 2009 ma huwiex korret ghax ommu giet sfurzata biex taghmel dan. Qal li fuq kollox ma jaqbilx mal-argument ta' ohtu Miriam, li t-testment tas-sena 2002, kien qed itiha d-dritt li titlob lura dawn il-flus minghandu. Hu kkonferma li hu kien ghamel zmien flimkien ma' huh, jorqod ma' ommu u kienu responsabbli jaghtu l-pilloli lill-genituri taghhom, u lil ommhom.

[1] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2017.

**In kontro-ezami** qal li kontrarjament ghal dak li xehed huh Peter Magri jaf li xi bcejjec ta' ghamara haduhom it-tfal ta' ohtu Miriam. Qalli hu u huh Anglu Magri rrinunzjaw ghall-wirt ghax ma kienu hadu assolutament xejn, izda dak li kien hemm haduhielhom lura, u spjega, li fit-testment ta' ommu u missieru jiftakar li kien hemm zewg dwejriet fir-razzett, u wara sar jaf li ommu regghet hadithom lura. Qal li hu m'ghandux cavetta tal-kamra tar-razzett izda tax-xatba biss. Semma li c-cavetta ta' din il-kamra qeghda ghand it-tifel ta' huh Anglu. Qal li l-indirizz ta' ommu kien 15, 16, 17 Santa Maria Street, Qrendi. Qal li ma jafx jekk huh ghandux ic-cavetta ta' dan il-fond izda meta jghaddi gieli jara l-bieb miftuh, u fil-post jarah hemmhekk iva, ghax ghandu l-ingenji li jahdem bihom hu. Qal li lil missierhom wirtuh l-erba' ahwa, ma kienx hemm rinunzji ghall-wirt ta' missierhom.

**Anton Magri** xehed (fol 132-136)[2] u qal, li hu iben Peter Magri, u rigward Magri Farmhouse fil-Qrendi, qal, li juzaw ir-razzett u qal li hemmhekk, m'ghandux ingenji. Mistoqsi dwar kamra fejn ir-razzett, u kmamar ohra, qal li l-kmamar l-ohra qeghdin fuq Nenu u Anglu, iz-zijiet hut missieru.

**<u>It-tielet eccezzjoni:</u>**

Illi gie eccepit li Mario Magri u Anton Magri ma humiex il-legittimi kontradittturi ta' din il-kawza *stante* li mhuwiex minnu li huma eredi tad-defunta Maria Magri li mietet fis-16 ta' Frar 2016. Dan jirrizulta minn qari tat-testment, izda jirrizulta wkoll li huma legatarji tat-testatrici.

---

[2] Seduta tat-18 ta' Jannar 2018.

Difatti, fil-Hames artikolu tat-testment, it-testatrici halliet lin-neputajiet taghha Mario Magri u Anton Magri l-intier tat-tarag ezistenti biex titla' fuq il-bejt tar-razzett, kif ukoll, il-kmamar u l-passagg ta' quddiemhom. Illi l-istess testatrici ddikjarat li hija taf li l-immobbli qed jithalla permezz ta' dan il-legat ma kienx taghha, *stante* li s-sehem jappartjeni lill-imsemmija legatarji filwaqt li s-sehem l-iehor jappartjeni lil Angelo u Carmelo ahwa Magri li huma obbligati li jitrasferixxu favur Mario u Anton Magri kwalsiasi sehem li huma ghandhom minn dan il-legat.

Inoltre permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono (Dok B), it-testatrici iddonat favur l-istess intimati *in solidum* is-sehem indiviz hemm dikjarat taghha minn diversi immobbli.

Ikkonsidrat li skont l-**artikolu 650 tal-Kodici Civili,** meta l-valur tad-donazzjonijiet jaqbeż is-sehem jew hu daqs is-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, id-dispożizzjonijiet kollha tat-testment jibqgħu mingħajr effett. Kemm-il darba d-dispożizzjonijiet b'testment ikunu jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, jew il-biċċa ta' dan is-sehem li tibqa' wara li jinqata l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir *pro rata*, mingħajr ebda għażla bejn werrieta u legatarji.[3] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ikkonsidrat, inoltre, li ghalkemm is-sehem riservat jithallas fi flus, meta l-legat imholli *per se* jkun jilledi d-dritt tal-legittima ghax ikun jaqbez is-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu, l-obbligu ghar-rettifikazzjoni tas-sitwazzjoni ma

[3] **Art.651 tal-Kap.16**

jistriehx fuq l-eredi, izda fuq il-legatarju in kwistjoni. L-ghazla li, mhux li jhallas il-legittima, izda li jhallas ammont sabiex tkun rettifikata s-sitwazzjoni, tivvinkola lill-legatarju u mhux lill-eredi. Din hija regola li tista' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola l-ohra generali li fil-kaz ta' hlasijiet ta' legati, djun tal-eredita' u anke tal-leggittima jithallsu mill-eredi, sakemm legat fih innifsu ma jaqbizx is-sehem li seta' jiddisponi minnu t-testatur, bil-konsegwenza li jilledi d-drittijiet tal-legittimatarju. Dan qed jinghad minkejja li bhala regola, bis-sahha ta' **artiklu 939 tal-Kodici Civili,** huma l-werrieta bejniethom li jridu jhallsu d-djun tal-wirt f'dik il-porzjoni u b'dak il-mod li jkun ordna t-testatur.

Difatti l-artikolu **653.** (1) tal-Kap 16 jiddisponi li:

*"Meta l-legat suġġett għat-tnaqqis ikun ta' ħaġa li minnha l-biċċa li taqbeż is-sehem li minnu t-testatur seta' jagħmel tista' tinfired bla xkiel u bla ħsara, it-tnaqqis isir bil-mezz ta' din il-firda.*

*(2) Iżda, kemm-il darba din il-firda ma tkunx tista' ssir mingħajr xkiel u ħsara, il-legatarju jista', jekk irid, iħallas bi flus dak li jkun imissu jagħti lill-parti li tkun qiegħda titlob it-tnaqqis."*

Ikkonsidrat li gjaladarba l-intimati Mario u Anton Magri huma legatarji u donatarji, fejn qed jintalab ukoll ir-riduzzjoni tal-legati u tad-donazzjonijiet, isegwi li huma legittimi kontradditturi f'din il-kawza. Mhux biss minhabba r-rimedju li qed jintalab, liema pretensjoni imressqa mir-rikorrenti ghad

trid tigi mistharrga, imma anke billi ghandhom interess ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-porzjoni riservata fejn jigu stabbiliti l-valuri mehtiega tal-assi ereditarju.

Ghaldaqstant, tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimati.

**<u>Ir-raba’ u l-hames eccezzjonijiet:</u>**

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma konnessi, kwindi ser jigu trattati flimkien.

Illi gie eccepit fir-raba’ eccezzjoni, li l-intimat Peter Magri irrinunzja ghall-eredita` ta’ ommu kif fil-fatt jirrizulta mid-dokument tan-nota tar-rinunzja, anness mar-risposta Dok PM1. Ghalhekk, eccepixxa li hu m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

B’referenza ghar-rinunzja ghall-wirt, **l-artikolu 860(1) tal-Kap 16** jipprovdi li r-rinunzja ghall-wirt ma tistax tkun prezunta. F’dan il-kuntest, issir referenza ghall-kaz fl-ismijiet **Joseph Gauci et vs Jane Galea et**, P.A. deciza fit-3 ta’ April 2003 fejn ntqal: “………u *allura jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux atto di eredita`, huma jistghu, f’kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt."* (Ara wkoll **Borg noe vs Camilleri et**, deciza fit-2 ta’ Novembru 1995 - App.Civ.)

Fil-kaz in ezami, gie esebit l-att ta' rinunzja maghmul quddiem il-Qorti Civili (Giurisdizzjoni Volontarja) fl-10 ta' Novembru 2016 (fol 39) minn fejn jirrizulta li hu rrinunzja ghall-wirt ta’ ommu Maria Magri.

L-atturi qed jikkontestaw din ir-rinunzja billi jsostnu li l-intimat Peter Magri ghamel diversi atti li jikkostitwixxu *atti di erede*, fosthom isemmu kawza fl-ismijiet **Carmelo Magri et v Peter Magri et** (Cit. 811/2014/MCH) fejn Peter Magri talab li jsir trasfuzjoni tal-gudizzju f'ismu minnflok ommu, Maria Magri li kienet konvenuta f'dawk il-proceduri. Din it-talba saret permezz ta' rikors maghmul minnu ***bhala wiehed mill-eredi tal-konvenuta Maria Magri.***[4] Fix-xhieda Peter Magri, ikkonfrontat b'dan ir-rikors, wiegeb li ma kienx jaf jaqra.

Illi madanakollu, il-fatt li Peter Magri irrinunzja ghall-eredita' ihalli lil Miriam Sciberras fil-*veste* tal-unika eredi. Dan ma jnaqqas xejn mill-effikacja tal-kawza odjerna, li hija korrettement impostata kontra l-eredi, d-donatarji u l-legatarji. Peter Magri mhuwiex fost dawn u din il-Qorti ma tarax kif, gjaladarba qed jghid li irrinunzja ghall-wirt, ghall-fini ta' din il-kawza, ghandu jibqa' tenut li jwiegeb ghat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, tilqa’ r-raba’ u l-hames eccezzjonijiet tal-intimati. Tiddikjara li Peter Magro mhuwiex il-legittimu kontradittur f’dan il-kaz u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Billi r-rinunzja saret fil-mori ta' din il-kawza, il-Qorti ser tordna li Peter Magri ihallas l-ispejjez gudizzjarji tieghu

---

[4] Nota sottomissjonijiet tar-rikorrenti a fol 279

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’** u **tiddeciedi** billi, ghar-ragunijiet spjegati, tichad it-tielet eccezzjoni, filwaqt li tilqa' ir-raba’ u l-hames eccezzjonijiet, u konsegwentement tillibera lil Peter Magri biss mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal din il-kawza. Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali ghajr ghall-ispejjez ta' Peter Magri li jigu sopportati minnu.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2019**